MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Numru. 280/2005

Il-Pulizija
(Sp Raymond Aquilina)
vs
Maria Agius, iben Carmelo, imwielda Pieta' fl-4 ta' Ġunju, 1977, Karta ta' l-Identita numru 455677(M)
u
Sameh Derbas, iben Ahmed, imwieled is-Sirja fit-3 ta' Ottubru, 1965, Karta ta' l-Identita numru 25878(A)
u
Helen Agius, iben Carmelo, imwieleda Pieta' fit-18 ta' Awwissu, 1978, Karta ta' l-Identita numru 432178(M)
u
Jean Pierre Mamo, iben Emanuele, imwieled Pieta' fis-7 ta' Ottubru, 1982, Karta ta' l-Identita numru 546182(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata **Maria Agius**, waħedha: talli f'dawn il-Gżejjer, fit-28 ta' Mejju, 2003, bħala mara miżżewwġa lil Maher Ismael u fil-waqt li kien ikseħħ dan iż-żewġ leġittimu, għamlet żwieġ ieħor.
Rat l-akkużi kontra l-imputati **Helen Agius**, **Sameh Derbas** u **Jean Pierre Mamo**, flimkien:
a. talli f'dawn il-Gżejjer fis-sena 1994 u 2003, b'xi mod li kien, xjentement għinu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt u cioe' lil Maria Agius, fl-atti li bihom id-delitt ta' bigamija ġie ppreparat jew ikkunsmat;
b. talli f'dawn il-Gżejjer, assoċjaw rwieħhom ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena tal-priġunerija u cioe' d-delitt tal-bigamija.
Rat l-akkuża kontra l-imputat **Jean Pierre Mamo**, waħdu: talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tas-16 ta' Ġunju, 2004, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-24 ta' Awwissu, 1994 l-imputata żżewwġet lil ċertu Maher Ismael. Jirrizulta li din il-koppja sseparat fis-7 ta' Frar, 2002.

Illi fit-28 ta' Mejju, 2003 l-istess Maria Agius iżżewwġet lill-imputat Sameh Derbas.

Illi mill-istqarrija ta' l-istess Maria Agius jirrizulta ċar li hi ma kinitx taf x'inhi d-differenza bejn li wieħed jissepara u li ż-żwieġ ta' persuna jiġi annullat.

Illi b'sentenza tal-Qorti Ċivili (sezzjoni tal-familaj) tat-3 ta' April, 2009 iż-żewġ bejn Maria Agius u Maher Ismael ġie annullat. Dan il-fatt ġie iskritt fir-Reġistru Pubbliku fit-12 ta' Ġunju, 2009.

Illi b'sentenza oħra tal-Qorti Ċivili (sezzjoni tal-familja) tal-24 ta' Ġunju, 2009 iż-żwieġ bejn l-imputati Maria Agius u Sameh Derbas ġie annullat. Dan il-fatt ġie iskritt fir-Reġistru Pubbliku fl-24 ta' Frar, 2010.

Illi qed issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Olaf Cini' u tosserva li f'tali ċirkostanzi l-imputata ma tistax tinsab ħatja billi r-reat lilha askritt hu ineżistenti. L-istess jingħad għall-imputati l-oħra.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------